

Brussell, 6 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9976/25

RECH 264
COMPET 501
IND 179
MI 364
EDUC 227
TELECOM 182
ENER 224
ENV 484
AGRI 257
TRANS 232
SAN 313
ATO 35

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 298 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet tar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku tal-Unjoni Ewropea u l-Monitoraġġ ta' Orizzont Ewropa fl-2024

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 298 final.

Mehmuż: COM(2025) 298 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.6.2025
COM(2025) 298 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet tar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku tal-Unjoni
Ewropea u l-Monitoraġġ ta' Orizzont Ewropa fl-2024**

1. SFOND

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet ewlenin ta' riċerka u innovazzjoni (R&I) tal-UE u lejn il-monitoraġġ ta' Orizzont Ewropa u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom fl-2024.

Ġie abbozzat f'konformità mal-Artikolu 190 tat-[Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea](#) u l-Artikolu 7 tat-[Trattat tal-Euratom](#), flimkien mal-Artikolu 50 tar-[Regolament \(EU\) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni](#) u mal-Artikolu 12 tar-[Regolament tal-Kunsill \(Euratom\) 2021/765 tal-10 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika](#).

2. KUNTEST POLITIKU U ŻVILUPPI TAL-POLITIKA

Is-sena 2024 fakkret l-40 anniversarju mill-ewwel programm ta' finanzjament tar-R&I tal-UE u kienet okkażjoni biex wieħed jirrifletti dwar il-kisbiet tal-passat. Matul l-aħħar erba' deċennji, l-UE wriet impenn sod biex tavvanza l-progress xjentifiku u t-tkabbir ekonomiku, b'allokazzjoni ta' aktar minn EUR 280 biljun għar-R&I. Dawn l-isforzi rriżultaw f'aktar minn 120 000 għotja, li involvew lil madwar 75 000 benefiċjarju. B'mod partikolari, aktar minn 30 riċerkatur ewlieni ffinanzjati mill-UE rebħu Premjijiet Nobel għall-ħidma tagħhom.

Billi titgħallem mis-suċċessi tal-passat, filwaqt li tqis l-iżviluppi reċenti bħall-isfidi tas-sigurtà globali jew it-tkabbir fl-intelliġenza artifiċjali (IA), l-UE se tkompli tuża l-punti b'saħħithom tagħha fir-R&I biex tiżgura vantaġġ kompetittiv globali.

2.1. Prosperità sostenibbli, suq uniku u kompetittività tal-Ewropa

F'xenarju globali li qed jevolvi b'mod rapidu, l-innovazzjoni hija xprunatur primarju tal-prosperità ekonomika u tal-kompetittività. Fl-2024, ir-rapporti Letta u Draghi offrew pjanijiet direzzjonali strateġiċi biex tissaħħaħ il-pożizzjoni ekonomika tal-UE.

Ir-rapport ta' Enrico Letta "[Much More than a Market](#)" kien favur "il-ħames libertà" – il-moviment liberu tal-għarfien – biex jittejjbu r-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni fis-suq uniku. Eżempju ta' avvanz f'dan ir-rigward fl-2024 huwa li r-Rumanija ssieħbet fis-[sistema unitarja tal-privattivi](#), u b'hekk l-għadd ta' membri tagħha tela' għal 18.

Ir-[Rapport dwar il-futur tal-Kompetittività Ewropea](#) ta' Mario Draghi enfasizza l-importanza li r-R&I jiġu integrati fil-qalba tal-ekonomija tal-UE biex jiġi xprunat tkabbir sostenibbli. Avvanz ewlieni f'dan il-qasam fl-2024 kien l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' [Komunikazzjoni dwar Materjali Avvanzati](#), segwita mill-[Konklużjonijiet tal-Kunsill](#). Ir-R&I ġew enfasizzati bħala mod kif tiġi żgurata pożizzjoni ewlenija f'dan il-qasam.

Il-kompetittività kienet fokus ċentrali tas-[Semestru Ewropew tal-2024](#), inkluż ir-rikonoxximent tal-pożizzjoni li għadha lura tal-UE fl-investimenti fir-R&I meta mqabbla ma' ekonomiji ewlenin oħrajn u l-isfida kontinwa li tintlaħaq il-mira ta' 3 % tal-PDG. Ir-R&I deheru b'mod prominenti fir-rapporti tal-pajjiżi għall-Istati Membri kollha, u ċ-

Ċekja, Franza, il-Kroazja, il-Litwanja, il-Lussemburgu u s-Slovenja rċivew rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar ir-R&I.

L-ekonomija ċirkolari hija kruċjali biex tappoġġa l-kompetittività tal-Ewropa. Fl-2024, daħal fis-seħħ ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal prodotti sostenibbli (ESPR, Ecodesign for Sustainable Products Regulation) u ġie stabbilit [Forum dwar l-Ekodisinn](#) biex jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni tiegħu. Ittieħdu passi inizjali biex jiġi implimentat il-passaport diġitali tal-prodotti tal-ESPR, appoġġat minn diversi proġetti tar-R&I.

2.2 Awtonomija strateġika u sigurtà ekonomika fil-qasam tar-R&I

Fl-2024, il-Kummissjoni ħadmet fuq l-implimentazzjoni tal-[Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika](#). Din issaħħet bir-[Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka](#), li tenfasizza l-awtogovernanza fis-settur appoġġat minn miżuri tal-gvern. Il-Kummissjoni bdiet taħdem ukoll biex tistabbilixxi pjattaforma ta' diliġenza dovuta biex tgħin lill-universitajiet u lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka Ewropej jevalwaw ir-riskji u l-opportunitajiet fil-kollaborazzjonijiet internazzjonali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bdiet valutazzjonijiet tar-riskju konġunti mal-Istati Membri fuq erba' oqsma kritiċi tat-teknoloġija: is-semikondutturi avvanzati, l-IA, il-kwantum u l-bijoteknoloġija.

Bħala parti mill-**Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform)**, l-[iskema STEP Scale Up tal-EIC](#) offriet investimenti ta' ekwità lill-kumpaniji start-up, lill-intrapriżi żgħar u medji (SMEs, Small and Medium-Sized Undertakings) u lil kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja. L-għan kien li jiżiedu l-innovazzjonijiet fis-setturi strateġiċi tat-teknoloġija bħas-setturi diġitali, tat-teknoloġija profonda, tat-teknoloġija nadifa u tal-bijoteknoloġija. EUR 6,3 biljun ġew riprogrammati fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni biex jissaħħu **t-teknoloġiji kritiċi** u l-industrija.

Il-Kummissjoni adottat ukoll [white paper](#) dwar ir-R&I li tinvolvi teknoloġiji b'potenzjal ta' **użu doppju**, u nediet konsultazzjoni pubblika.

Il-Kummissjoni tat [kuntratt ta' konċessjoni](#) għall-iżvilupp tas-sistema satellitari ta' konnettività sigura tal-UE, **IRIS²**. Dan se jinċentiva l-implimentazzjoni tat-teknoloġija innovattiva u jsahha l-awtonomija strateġika tal-UE sal-2030.

2.3. Tranżizzjoni ekoloġika u diġitali

Fl-2024, il-Kummissjoni ppreżentat [Komunikazzjoni](#) li tipproponi l-**mira klimatika tal-UE għall-2040**, li tirrakkomanda tnaqqis nett ta' 90 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2040 meta mqabbel mal-1990. Wieħed mill-passi ewlenin proposti biex jinkiseb dan l-għan huwa trasformazzjoni industrijali xprunata mir-R&I. Din il-Komunikazzjoni kienet akkumpanjata mill-[Komunikazzjoni dwar il-Ġestjoni Industrijali tal-Karbonju](#), b'kapitolu ddedikat għar-R&I.

Għadd ta' inizjattivi ulterjuri fl-ambitu tal-**Patt Ekoloġiku Ewropew** involvew komponent tar-R&I: b'mod partikolari, ir-riżultati tal-proġetti għenu biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tar-[Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura](#) u l-[Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE](#). Barra minn hekk, il-[Komunikazzjoni dwar il-Bijoteknoloġija](#) u l-

[Bijomanifattura](#) identifikat it-tisħiħ tar-R&I bħala triq 'il quddiem, u l-[Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti](#) ta status legali lill-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija biex isahha il-manifattura tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa tal-UE. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal "[Towards a roadmap for accelerating the deployment of Hydrogen Valleys across Europe: challenges and opportunities](#)" ġie adottat ukoll, f'konformita mal-pjan REPowerEU. Wara l-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw regolamenti dwar il-[materja prima kritika](#) u l-[industrija b'emissjonijiet zero netti](#).

Fl-2024 kien hemm ukoll progress fit-**tranżizzjoni diġitali**, li għaliha r-R&I huma kontributori ewlenin. Pereżempju, il-[white paper dwar il-ħtiġijiet tal-infrastruttura diġitali](#) ppreżentat xenarji possibbli biex jiġi żgurat li l-UE jkollha l-infrastruttura diġitali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku meħtieġa biex tappoġġa l-innovazzjoni. Il-[Cloud tal-Wirt Kulturali](#) il-ġdid offra wkoll pjattaforma Ewropea għar-riċerkaturi u għall-prattikanti biex jikkollaboraw fuq ir-R&I dwar il-wirt kulturali.

Barra minn hekk, fl-2024 intlaħaq livell ġdid fl-[aċċellerazzjoni rapida](#) tal-progress fl-**IA**, xprunat minn avvanzi sinifikanti fid-disponibbiltà mifruxa tad-data, fil-[qawwa komputazzjonali](#) u fl-apprendiment awtomatiku. Il-[pakkett dwar l-innovazzjoni fl-IA](#) mmira li jappoġġa lill-kumpaniji start-up u lill-SMEs tal-UE fl-iżvilupp ta' IA affidabbli u stabbilixxa l-Uffiċju Ewropew għall-IA. L-inizjattiva GenA4EU fl-ambitu ta' dan il-pakkett se tappoġġa l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-IA ġenerattiva. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ppubblikat [linji gwida dwar l-użu tal-IA ġenerattiva fir-riċerka](#).

2.4. Sħubija mal-Istati Membri

Minn Diċembru, intlaħqu 175 stadju importanti u mira relatati mar-R&I, minn 710 li l-Istati Membri jeħtiġilhom jilhq biex jirċievu l-pagamenti korrispondenti [tal-Faċilita għall-Irkupru u r-Reżiljenza](#). Fir-rigward tas-sinerġiji mal-politika ta' koeżjoni, Malta u l-Litwanja għamlu trasferimenti baġitarji mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għal Orizzont Ewropa.

Barra minn hekk, id-diskussjonijiet bilaterali bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri ġew approfonditi permezz ta' [djalogi msaħħa](#) mal-Estonja, mal-Ġermanja u man-Netherlands. L-implimentazzjoni intensifikata tal-[Faċilita ta' Appoġġ għall-Politiki](#) għen ukoll lill-Istati Membri jtejbu s-sistemi taghom tar-R&I. Inbdew eżerċizzji specifichi mal-Bulgarija, maċ-Ċekja, mal-Finlandja u mal-Ukrajna, u tnedew eżerċizzji ta' apprendiment reċiproku dwar suġġetti bħax-xjenza għall-politika, il-karrieri fir-riċerka u l-IA għax-xjenza.

Tnediet il-[Pjattaforma tal-Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka \(ŻER\)](#), li tippermetti li l-informazzjoni tiġi kondiviża fost l-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati, il-partijiet ikkonċernati tar-R&I u l-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-[Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni taż-ŻER](#) ivvalutat il-progress miksub mill-[Komunikazzjoni taż-ŻER](#) tal-2020 u mill-ewwel aġenda politika taż-ŻER.

2.5 Ewropa Globali

Il-Kummissjoni kompliet taqdi rwol ewlieni fil-**kooperazzjoni multilaterali fir-R&I**. Flimkien mal-Presidenza Belġjana, organizzat b'mod konġunt konferenza ministerjali bħala parti mid-djalogu multilaterali dwar il-prinċipji u l-valuri għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I. Ipparteċipat fil-[Grupp dwar l-Osservazzjonijiet tad-Dinja](#), fil-[Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima](#) (IPCC, Intergovernmental Panel on Climate Change) u fil-[Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi](#).

Fir-rigward ta' reġjuni u pajjiżi speċifiċi, ta' min jinnota għadd ta' punti ewlenin:

- Il-Kummissjoni kompliet tappoġġa r-R&I tal-**Ukrajna** permezz ta' inizjattivi ddedikati fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa. Tnieda eżerċizzju ta' [Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki](#) biex tiġi interkonnessa l-infrastruttura tar-riċerka tal-Ukrajna ma' dik tal-UE. Barra minn hekk, l-UE kompliet tippromwovi r-rwol tar-R&I fir-rikostruzzjoni tal-pajjiż.
- Il-Kunsill tal-Enerġija bejn l-UE u l-**Istati Uniti** fil-livell ministerjali kkonferma l-impenn li jikkooperaw fir-rigward tar-riċerka dwar il-fużjoni, l-immudellar tal-klima u l-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju. Skont il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, il-kollaborazzjoni dwar l-elettromobbiltà u l-grilji intelliġenti wasslet għal rakkomandazzjonijiet konġunti dwar id-dimostrazzjonijiet tal-integrazzjoni vetturi-grilja.
- L-[Alleanza għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar l-Oċean Atlantiku](#) laqgħet lill-Iżlanda u lis-Senegal bħala sħab.

2.6. Azzjonijiet diretti mhux nukleari implimentati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre)

Il-JRC appoġġa diversi inizjattivi permezz tar-riċerka tiegħu, inkluż:

- iċ-[Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għat-Trasformazzjoni u l-Emissjonijiet Industrijali](#), li jippromwovi t-**teknoloġija li tnaqqas l-emissjonijiet** fl-industrija;
- l-ewwel [Atlas Dinji tan-Nixfa](#), flimkien man-Nazzjonijiet Uniti;
- eżerċizzju ta' simulazzjoni tas-sigurtà tal-provvista, li jivvalida **l-preparatezza għall-provvista tal-gass** tal-UE għax-xitwa 2024-2025 filwaqt li jitqies it-tmiem antiċipat tat-tranżitu tal-gass Russu mill-Ukrajna wara l-2024;
- l-iżvilupp ta' metodoloġiji għall-identifikazzjoni ta' **residwi antibijotiċi** fl-għalf tal-annimali, li jippermetti regolamenti ġodda tal-UE u l-avvanz tal-għanijiet ta' OneHealth kontra r-reżistenza għall-antibijotiċi.

3. IMPLIMENTAZZJONI U MONITORAĠĠ TA' ORIZZONT EWROPA U TAL-EURATOM

3.1. Orizzont Ewropa fl-2024 – punti ewlenin u karatteristiċi ġodda

Il-Kummissjoni adottat emenda tal-programm ta' ħidma “ewlieni” ta' Orizzont Ewropa għall-2023-2024. Ġie introdott pakkett ta' azzjonijiet sperimentali biex il-programm isir aktar miftuħ u jingħata appoġġ lir-riċerkaturi fi stadju bikri. Id-Destinazzjoni tal-Bahaus Ewropea l-Ġdida (NEB, New European Bauhaus) nediet tliet suġġetti, bħala pass intermedjarju li witta t-triq lejn il-Faċilità tal-NEB li jmiss. Is-sejħiet għall-2025 ġew inklużi fil-programm ta' ħidma biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' azzjonijiet rikorrenti bħall-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, “Teaming for Excellence” u “ERA Fellowships”.

Appoġġ lill-Ukrajna permezz ta' Orizzont Ewropa

Fl-2024, 12-il belt Ukrena ssieħbu fl-[inizjattiva SUN4Ukraine](#) fl-ambitu tal-Missjoni dwar il-Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti tal-UE. L-inizjattiva tappoġġa lil bliet Ukreni li jimmiraw li jsiru newtrali għall-klima. L-appoġġ permezz ta' [MSCA4Ukraine](#) kompli, b'żieda ta' EUR 10 miljun għall-boroż ta' studju tar-riċerkaturi spostati. Il-[Hub tar-RIS tal-Komunità tal-EIT fi Kyiv](#) sar kompletament operazzjonali fl-2024, u serva bħala punt uniku ta' servizz biex jiġu aċċessati l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT, European Institute of Innovation and Technology). L-Ukrajna kienet involuta wkoll fil-kooperazzjoni fir-R&I dwar l-ekosistemi tal-baħar u dawk ibbażati fuq ix-xmajjar fil-baċir tal-Baħar l-Iswed, b'mod partikolari permezz tal-missjoni “Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna sal-2030” u s-Sħubija Ekonomija Blu Sostenibbli.

Assoċjazzjoni għal Orizzont Ewropa

Fl-2024, l-għadd ta' [pajjiżi assoċjati](#) laħaq id-19, u r-**Renju Unit** [sar assoċjat bis-sħiħ](#) (ħlief għall-Fond tal-Aċċeleratur tal-EIC) u l-**Kanada** ssieħbet fil-pilastru II. Ġew konklużi negozjati ta' assoċjazzjoni mar-**Repubblika tal-Korea**, filwaqt li bdew negozjati formali mal-**Ġappun**. Il-Kunsill adotta mandat biex jibda l-ewwel negozjar formali ma' **Singapore**, u nbdew negozjati mal-**Eġittu**. In-negozjati mal-**Iżvizzera** ġew konklużi, u l-ftehim mistenni jiġi ffirmat fl-2025. Il-kontribuzzjoni operazzjonali kkombinata mill-pajjiżi assoċjati fl-2024 kienet tammonta għal EUR 2,8 biljun, bi kważi 10 000 parteċipant.

3.2. Data ta' monitoraġġ ta' Orizzont Ewropa

Opportunitajiet ta' finanzjament

Is-656 seġha għall-proposti mnedija fl-ambitu tal-programmi ta' ħidma ewlenin u oħrajn ta' Orizzont Ewropa sal-2024 kienu jkopru total ta' 2 534 suġġett ta' riċerka b'baġit ta' EUR 59,4 biljun.

Is-suġġetti proposti kellhom l-għan li jattiraw proġetti tar-R&I li jindirizzaw il-[prijoritajiet tal-Kummissjoni von der Leyen għall-2019-2024](#). B'kollox, sa issa, 95,5 % tal-proġetti kkontribwew għal dawn il-prijoritajiet.

Proposti għal proġetti u rati ta' suċċess

Sors: Dashboard tal-Proposti ta' Orizzont iffriżat fis-6 ta' Jannar 2025

L-interess fil-programm baqa' b'saħħtu, u ġew sottomessi **88 803 proposta eliġibbli**¹ matul il-perjodu bejn l-2021 u l-2024. Il-kwalità baqgħet stabbli b'mod ġenerali, u aktar minn nofs il-proposti eliġibbli (54 %) laħqu l-limitu minimu tal-punteġġ tal-evalwazzjoni.

Sa Jannar 2025, inżammu 14 592 proposta għall-finanzjament, għal baġit totali stmat ta' EUR 43 biljun. Ir-rata ta' suċċess tal-proposti kienet ta' 16,4 %.

Madankollu, minħabba nuqqas ta' fondi, qed jiġu ffinanzjati biss madwar 30 % tal-proposti li qabżu l-limitu minimu għall-finanzjament. Kienu jkunu meħtieġa EUR 81,7 biljun addizzjonali biex jiġu ffinanzjati dawn il-proposti kollha sottomessi bejn l-2021 u l-2024.

Proġetti ffinanzjati

Sors: Dashboard tal-Proġetti ta' Orizzont iffriżat fis-6 ta' Jannar 2025

Wara l-evalwazzjoni tal-proposti sal-aħħar tal-2024, inġataw **EUR 43,2 biljun** permezz ta' **15 148 għotja**. Xi għotjiet kienu għadhom qed jitħejjew fl-aħħar tal-2024.

Id-daqs medju tal-għotja huwa ta' EUR 2,9 miljun. Il-finanzjament medju tal-UE allokat għal għotjiet monobenefiċjarji (45 % tal-għotjiet) huwa ta' madwar EUR 1,2 miljun, filwaqt li għal għotjiet multibenefiċjarji (55 % tal-għotjiet) huwa ta' madwar EUR 4,2 miljun. Dawn tal-aħħar jinvolvu medja ta' 11,5-il parteċipant.

Parti tal-programm	Proposti eliġibbli	Proposti aċċettati	Rata ta' suċċess tal-proposti (% tal-eliġibbli)	Kontribuzzjon i tal-UE mitluba fil-proposti miżmuma (f' miljuni ta' EUR)	Għotjiet iffirmati	Kontribuzzjoni tal-UE f' għotjiet iffirmati (f' miljuni ta' EUR)	Daqs medju tal-għotja (f' miljuni ta' EUR)
Pilastru I – Xjenza Eċċellenti							
Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council)	30 413	4 404	14,5 %	7 849	4 182	7 319	1,8
Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA, Marie Skłodowska-Curie Actions)	27 366	4 473	16,3 %	2 596	4 704	2 641	0,6
Infrastrutturi tar-riċerka	399	167	41,9 %	1 181	173	1 214	7
Pilastru II - Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea							

¹ L-għadd ta' proposti eliġibbli sottomessi biss fl-ambitu ta' sejħiet li huma magħluqin u evalwati bis-sħiħ.

Cluster 1 – Saħħa	2 502	562	22,5 %	4 590	565	4 312	7,6
Cluster 2 – Kultura, Kreattività u Soċjetà Inklużiva	2 311	330	14,3 %	1 135	322	991	3,1
Cluster 3 – Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà	1 022	136	13,3 %	600	145	611	4,2
Cluster 4 – Diġitali, Industrija u Spazju	5 655	1 091	19,3 %	8 083	1 094	7 439	6,8
Cluster 5 – Klima, Enerġija u Mobbiltà	5 291	1 091	20,6 %	7 946	1 159	7 945	6,9
Cluster 6 – Ikel, Bijoekonomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent	3 408	763	22,4 %	4 636	720	4 190	5,8
Pilastru III - Ewropa Innovattiva							
Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council)*	6 289	554	8,8 %	1 650	1 114	2 925	2,6
Ekosistemi Ewropej tal-Innovazzjoni	1 330	267	20,1 %	307	272	297	1,1
L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT, European Institute of Innovation and Technology)	25	20	80 %	1 189	26	1 741	66,9
Twessigħ tal-Parteċipazzjoni u Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka							
Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza	2 509	647	25,8 %	1 464	583	1 398	2,4
Riforma u tiġib tas-sistema Ewropea tar-R&I	283	87	30,7 %	197	89	193	2,2
Total għal Orizzont Ewropa	88 803	14 592	16,4 %	43 425	15 148	43 215	2,85

Tabella 1. Il-proposti u l-għotjiet iffirmati għal kull pilastru u parti mill-programm (Sors: Dashboard tal-Proġetti ta' Orizzont iffriżat fis-6 ta' Jannar 2025)

*Iċ-ċifri għall-Aċċeleratur tal-EIC (proposti) ma humiex inklużi.

Indirizzar tal-prijoritajiet tal-politika tal-UE

Sors: Dikjarazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Programm ta' Orizzont Ewropa

Ir-R&I għandhom rwol ċentrali fl-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika. Sa issa, Orizzont Ewropa jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira tiegħu ta' 35 % tal-infiq allokati bil-għan li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, filwaqt li stimi preliminari jindikaw li 7,7 % tal-infiq tal-programm għall-2021-2027 huwa allokati għall-bijodiversità.

Barra minn hekk, 21,2 % ta' Orizzont Ewropa jikkontribwixxi għat-trasformazzjoni diġitali, u l-investimenti fit-teknoloġiji diġitali kienu stabbiliti għal EUR 11 657 miljun bejn l-2021 u l-2024.

Fl-2024, madwar EUR 104 miljun ġew allokati wkoll għal proġetti li l-oġettiv prinċipali tagħhom hu li jtejjbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u EUR 1 391 miljun għal proġetti li se jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Applikanti u benefiċjarji

Sors: Dashboard tal-Proġetti ta' Orizzont iffriżat fis-6 ta' Jannar 2025

Il-proġetti ffirmati fl-ewwel 4 snin tal-programm jinvolvu **28 136 parteċipant uniku** minn **171 pajjiż differenti**, u 35,8 % tal-parteċipanti ġejjin minn SMEs. Bħala medja, kull parteċipant jieħu sehem fi 3,6 proġetti. Il-parteċipanti mill-Istati Membri jirrappreżentaw kważi 82 % tal-applikazzjonijiet kollha eliġibbli sottomessi, u 19,8 % huma minn pajjiżi tat-twessigħ.

It-tabella turi bidla fid-distribuzzjoni tal-applikazzjoni bejn il-pajjiżi assoċjati u dawk mhux assoċjati. Il-pajjiżi assoċjati issa jammontaw għal 12,6 % tal-applikazzjonijiet kollha, filwaqt li l-pajjiżi mhux assoċjati jammontaw għal 5,6 %. Dan it-treġġigħ lura minn Jannar 2023 huwa dovut l-aktar għall-istatus ta' pajjiż assoċjat għid tar-Renju Unit.

Grupp ta' Pajjiżi	Applikazzjonijiet fi proposti eliġibbli	% tal-għadd totali ta' applikazzjonijiet	Rata ta' suċċess tal-applikazzjoni	Parteċipazzjoni f'għotjiet iffirmati	% tal-parteċipazzjoni kollha	Kontribuzzjoni tal-UE f'għotjiet iffirmati (f' miljuni ta' EUR)	% tal-kontribuzzjoni totali tal-UE f'għotjiet iffirmati
Stati Membri	380 816	81,8 %	20,3 %	85 351	84 %	39 451	91,3 %
<i>Pajjiżi mhux tat-twessigħ</i>	288 513	62,0 %	21,0 %	67 441	66,4 %	33 498	77,5 %
<i>Pajjiżi tat-twessigħ</i>	92 303	19,8 %	18,0 %	17 910	17,6 %	5 952	13,8 %
Pajjiżi assoċjati	58 817	12,6 %	18,3 %	10 200	10 %	3 238	7,4 %
<i>Pajjiżi assoċjati – mingħajr ir-Renju Unit</i>	30 271	6,5 %	17,8 %	5 841	5,7 %	2 850	6,6 %
<i>Assoċjati – ir-Renju Unit biss</i>	28 546	6,1 %	18,8 %	4 359	4,3 %	388	0,9 %
Pajjiżi mhux assoċjati	25 990	5,6 %	21,5 %	6 045	6,0 %	526	1,2 %
TOTAL	465 623	21,9 %	20,1 %	101 596	100 %	43 215	100 %

Tabella 2: Oriġini tal-applikanti

L-oġġla sehem ta' parteċipanti ġej minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (34 %), li jirċievu l-oġġla kontribuzzjoni finanzjarja (EUR 15-il biljun). L-entitajiet tas-settur privat u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jirrappreżentaw 30,7 % u 21,9 % tal-parteċipazzjoni rispettivament u kull waħda tirċievi kontribuzzjoni simili (EUR 11,9-il biljun).

L-għadd ta' **parteċipanti ġodda** fil-programm **għadu qed jiżdied**. Il-parteċipanti ġodda jirrappreżentaw 51,1 % tal-parteċipanti kollha, meta mqabbla ma' 47 % sena ilu. Madankollu, ir-rata ta' parteċipazzjoni tagħhom (jiġifieri l-għadd ta' proġetti miġburin flimkien bħala medja skont kull parteċipant) għadha baxxa meta mqabbla mal-passat (1,25 kontra 6). Il-parteċipanti ġodda ġejjin prinċipalment mis-settur privat, b'mod partikolari mill-SMEs, u sa issa ngħataw 11,6 % tal-fondi kollha ta' Orizzont Ewropa.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri ngħataw EUR 39,5 biljun jew 91,3 % tal-fondi. Il-pajjiżi tat-twessigħ ingħataw 13,8 % tal-fondi. Il-pajjiżi assoċjati ngħataw 7,4 % jew ftit aktar minn EUR 3 biljun u l-pajjiżi mhux assoċjati ngħataw 1,2 % jew EUR 526 miljun. L-osservazzjonijiet li saru rigward il-parteċipazzjoni japplikaw ukoll għas-sehem ta' finanzjament. Bl-assoċjazzjoni tar-Renju Unit, id-distribuzzjoni tal-finanzjament totali bejn il-pajjiżi assoċjati u dawk mhux assoċjati nbidlet b'mod sinifikanti meta mqabbla ma' Jannar 2023.

Perkorsi ewlenin tal-impatt

Sors tad-Data: Dashboard tal-KIP iffriżat fis-6 ta' Jannar 2025

F'Orizzont Ewropa, ġew introdotti perkorsi ewlenin tal-impatt (KIPs, Key Impact Pathways) biex jiġi segwit l-impatt tal-programm permezz ta' indikaturi fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u twil. Din it-taqsimha tagħti ħarsa ġenerali lejn l-indikaturi fuq perjodu ta' żmien qasir. Minn Orizzont Ewropa ħarġu total ta' 6 922 pubblikazzjoni rieżaminata bejn il-pari (KIP 1). Ġew irrapportati total ta' 10 222 pubblikazzjoni, inklużi artikoli mhux rieżaminati bejn il-pari, fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa, b'aktar minn 79 % disponibbli f'aċċess miftuħ permezz tal-benefiċjarji (KIP 3). Barra minn hekk, ġew iddikjarati 124 output tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (KIP 7). Orizzont Ewropa qed jiffaċilita wkoll it-titjib tal-ħiliet ta' 95 156 riċerkatur (KIP 2), li 44,1 % minnhom huma nisa. Barra minn hekk, il-programm ħoloq u/jew żamm 39 543 impjeg (espressi bħala ekwivalenti full-time) fl-UE (KIP 8). L-investimenti konġunti li jammontaw għal EUR 10,2 biljun diġà ġew mobilizzati mill-parteċipanti biex jimplimentaw proġetti tar-R&I (KIP 9).

Madankollu, 983 proġett biss (6,5 %) kienu ngħalqu fiż-żmien ta' din l-analiżi u 21 % biss tal-proġetti kienu lestew rapportar perijodiku, għalhekk sal-2025 l-għadd ta' riżultati rrapportati u kwantifikabbli huwa mistenni li jiżdied.

Fokus fuq is-sħubijiet Ewropej

Sors tad-Data: Dashboard tal-Proġetti ta' Orizzont iffriżat fis-6 ta' Jannar 2025

Minn Jannar 2025, ġew identifikati 50 sħubija Ewropea u tħabbru 10 oħra fit-tieni [pjan strateġiku tal-2025-2027](#), li minnhom tlieta kienu għad iridu jiġu ffirmati.

Fl-ambitu tal-**10 impriżi konġunti attivi** (sħubijiet istituzzjonalizzati bbażati fuq l-Artikolu 187 tat-TFUE), ġew iffirmati 530 għotja għal total ta' **EUR 4,8 biljun** (11 % tal-fondi ta' Orizzont Ewropa mogħtija matul il-perjodu bejn l-2021 u l-2024). Dawn jinvolvu 4 281 organizzazzjoni (involuti f'9 186 proġett), li żewġ terzi minnhom huma kumpaniji privati. Minn dawn, 44 % huma SMEs. 81 % tal-fondi tal-UE huma diretti lejn attivitajiet li jappoġġaw it-tranżizzjonijiet diġitali u klimatiċi. Ġew introdotti EUR 3,86 biljun addizzjonali mill-benefiċjarji, li jirrappreżentaw 45 % tal-investimenti totali fil-proġetti.

EUR 4 biljun minn Orizzont Ewropa appoġġaw lil 11-il **sħubija koprogrammata**, b'589 għotja lil 4 753 organizzazzjoni distinta, li terz minnhom kienu SMEs.

Fir-rigward tas-**sħubijiet kofinanzjati**, ġew iffirmati ftehimiet ta' għotja ma' 14-il konsorzju ta' benefiċjarji fl-ambitu tal-Pilastru II u ma' konsorzju wieħed fl-ambitu tal-Pilastru III għal total ta' EUR 1,17 biljun. Is-sħab huma mistennija jikkontribwixxu bejn 50 % u 70 % tal-fondi, jew EUR 2,5 biljun addizzjonali għar-R&I.

Fokus fuq l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT, European Institute of Innovation and Technology)


Fl-2024, inħolqu 82 start-up minn studenti fi programmi tal-EIT, u 112-il start-up ħarġu minn proġetti ta' innovazzjoni tal-EIT. Barra minn hekk, permezz tal-Inizjattiva tat-Talenti fit-Teknoloġija Profonda, 388 sieħeb wegħdu li sal-2025 se jħarrġu aktar minn miljun individwu, u aktar minn 900 000 rievew taħriġ sal-2024. Sa Diċembru 2024, l-

Akkademja tal-Alleanza Ewropea tal-Batteriji mmexxija mill-KIC tal-EIT InnoEnergy kienet laħqet l-għan tagħha li sal-2025 tħarreġ lil 100 000 student². Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea kkonfermat il-KIC tal-EIT il-ġdid li ġej dwar is-Setturi u l-Ekosistemi tal-Ilma, tal-Baħar u Marittimi.

Fokus fuq il-missjonijiet tal-UE

Sors: Dashboards tal-Proposti u tal-Proġetti ta' Orizzont iffriżati fis-6 ta' Jannar 2025

Sa tmiem l-2024, tnedew, ingħalqu u ġew evalwati s-sejħiet għal 54 missjoni ta' Orizzont Ewropa. Dawn attiraw 862 proposta eliġibbli. 236 għotja ta' Orizzont Ewropa li jinvolvu 3 302 benefiċjarju ġew iffirmati għal total ta' EUR 1 842 miljun, u l-finanzjament jinqasam kif ġej fil-ħames missjonijiet:



Il-kisbiet ewlenin tal-missjonijiet fl-2024 jinkludu dawn li ġejjin:

- Il-missjoni dwar il-**“Kanċer”** ospitat konferenza ta' livell għoli dwar il-kura palljativa innovattiva, fejn ippreżentat l-iżviluppi u s-soluzzjonijiet tal-politika minn proġetti ffinanzjati mill-UE, u ħarġet [dokument ta' sintesi](#) li jiddeskrivi l-isfidi futuri. Barra minn hekk, roadshow li sar fil-Polonja, fil-Litwanja u fir-Rumanija laħaq lil kważi 11-il miljun persuna, u żied is-sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-iskrinjar tal-kanċer.
- Il-missjoni ta' **“Adattament għat-Tibdil fil-Klima”** tkompli tappoġġa lil 145 reġjun biex jivvalutaw ir-riskju klimatiku tagħhom, jiżviluppaw perkorsi għar-reżiljenza klimatika jew jiżviluppaw pjanijiet ta' adattament.
- Il-missjoni **“Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna sal-2030”** ipprovdiet finanzjament addizzjonali ta' EUR 127 miljun biex tappoġġa lill-komunitajiet lokali u tkompli tiżviluppa t-Tewmi Diġitali Ewropew tal-Oċean. L-ewwel prototip intwera fil-Forum Diġitali dwar l-Oċean f'Ġunju.

² Ċifri fil-mira biss. Ir-riżultati vverifikati se jkunu disponibbli aktar tard fl-2025.

- Fl-2024, il-missjoni dwar il-“**Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti**” tat it-[Tikketta tal-Missjoni](#) lil 43 belt addizzjonali. Tnieda **pakkett ta’ self ta’ EUR 2 biljun mill-Bank Ewropew tal-Investment**, biex jappoġġa lill-bliet bit-Tikketta tal-Missjoni ħalli jippjanaw investimenti ekoloġiċi u sostenibbli.
- Il-missjoni “**Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa**” stabbiliet l-ewwel 25 laboratorju ħaj, li jinkludu madwar 250 sit ta’ ttestjar li jinvolvu lil 167 sieħeb (25 % tas-settur privat) fi 11-il Stat Membru.

3.3. Analiżi fil-fond: Monitoraġġ rapidu ta’ Orizzont Ewropa u studji oħra

Fl-2024, ġew ippubblikati diversi rapporti, inklużi:

- [monitoraġġ rapidu](#) dwar il-kontribut tal-programm qafas għall-qasam tal-idroġenu mill-2007;
- [monitoraġġ rapidu](#) li jiġbor fil-qosor il-fatti u d-data ewlenin dwar il-parteciġazzjoni tal-SMEs f’Orizzont Ewropa;
- [monitoraġġ rapidu](#) dwar il-parteciġazzjoni tal-pajjiżi f’Orizzont Ewropa.

Evalwazzjoni ta’ nofs it-terminu ta’ Orizzont Ewropa

Ġie ppubblikat ir-rapport tal-grupp ta’ esperti dwar l-evalwazzjoni *interim* ta’ Orizzont Ewropa, “[Align, act, accelerate](#)” (Allinja, Aġixxi, Aċċellera). L-esperti taw rakkomandazzjonijiet biex il-programm isir aktar effettiv fl-allinjament tar-R&I mal-għanijiet strateġiċi tal-Ewropa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppubblikat diversi evalwazzjonijiet u rapporti ffukati fuq oqsma speċifiċi tal-impatt ta’ Orizzont Ewropa u tal-predeċessor tagħha (tranżizzjoni ekoloġika, Ewropa reżiljenti, Ewropa innovattiva).

3.4. Tixrid u użu

Diġà ġew appoġġati aktar minn 5 000 benefiċjarju mill-Pjattaforma tar-Riżultati ta’ Orizzont u mill-Boosters ta’ Orizzont. Il-Kummissjoni pprovdiet Pakketti tar-Riżultati u Boosters ta’ Cordis dwar:

- [Environmental observations for the EU Green Deal](#)
- [Blue carbon for biodiversity and climate action](#)
- [Understanding impacts of climate change on Earth’s vulnerable polar regions](#)
- [Reducing and preventing drivers of marine biodiversity loss](#)
- [Tackling marine litter from source to sea](#)
- [Algae innovation](#)
- [Diving deeper: propelling ocean knowledge and its sustainable management](#)

Eżempji ta' pubblikazzjonijiet u avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni notevoli oħrajn jinkludu dawn li ġejjin:

- [Environmental observations and artificial intelligence for the benefit of science and society](#)
- [Mapping ERC frontier research artificial intelligence](#)
- [Biodiversity: the nexus approach](#)
- [EU-funded projects leading the way to transformative change for biodiversity](#)
- [Frontier research for transformative change](#)
- [Insights from the authors of the IPCC 6th assessment report on knowledge gaps and priorities for research](#)
- [Frontier research for democracy](#)
- [Awareness-raising campaign on knowledge valorisation](#)
- [R&I for a fair green transition](#)
- [R&I for a fair digital transition](#)

3.5. Implimentazzjoni u monitoraġġ tal-Programm Euratom

a) Azzjonijiet diretti nukleari implimentati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre)

Fl-2024, il-JRC ippubblika **90 artiklu rieżaminat bejn il-pari** dwar diversi suġġetti relatati mar-riċerka nukleari. Ipproduċa **10 materjali ta' referenza**, inkorporati fil-libreriji nukleari, 10 sistemi tekniċi għas-salvagwardji nukleari, u tliet kontribuzzjonijiet għall-**istandards internazzjonali**. Ipprova **37 kors ta' taħriġ** speċjalizzat għal aktar minn 900 benefiċjarju mill-UE, mill-Ukrajna u minn pajjiżi oħrajn. Aktar minn 350 spettur u uffiċjal tas-salvagwardji nukleari rċevew taħriġ permezz taċ-Ċentru Ewropew ta' Taħriġ dwar is-Sigurtà Nukleari (EUSECTRA, European Nuclear Security Training Centre). Total ta' 59 riċerkatur tal-UE u tal-Ukrajna użaw il-faċilitajiet tar-riċerka nukleari tal-JRC.

Bħala l-korp ta' implimentazzjoni tal-Euratom għall-Forum Internazzjonali Ġenerazzjoni IV, il-JRC ospita laqgħat ewlenin u wettaq riċerka dwar is-sistemi tal-Ġenerazzjoni IV.

Il-JRC appoġġa r-rispons tal-Kummissjoni għall-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-**Ukrajna** billi pprova għarfien espert tekniku għall-pakketti ta' sanzjonijiet u wettaq parametraġġ referenzjarju dwar it-tixrid radjoloġiku mal-awtoritajiet Ewropej għall-protezzjoni mir-radjazzjoni.

b) Azzjonijiet indiretti tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom, European Atomic Energy Community) (għotjiet)

Fl-2024, il-Kummissjoni bdiet 21 proġett ta' riċerka nukleari, inklużi sħubijiet dwar il-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u l-materjali nukleari, iffinanzjati b'EUR 121 miljun mill-programm tal-Euratom. Kważi EUR 48 miljun ġew allokati għas-sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari, u EUR 11-il miljun appoġġaw applikazzjonijiet tar-radjazzjoni jonizzanti.

Wara emenda fil-programm ta' ħidma tal-Euratom, il-Kummissjoni nediet żewġ inizjattivi ġodda: sħubija futura bejn is-settur pubbliku u privat dwar l-enerġija mill-fużjoni u inizjattiva Ewropea dwar il-ħiliet nukleari. Ġiet ippubblikata l-evalwazzjoni *ex post* tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom tal-2014-2020.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni nediet it-tieni proġett biex issaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-fjuwil nukleari għall-impjanti tal-enerġija nukleari ddisinjati mir-Russja fl-Ewropa u fl-Ukrajna.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni stabbiliet l-Alleanza Industrijali Ewropea dwar ir-Reatturi Modulari Żgħar (SMRs, Small Modular Reactors), bl-għan li jintuża l-ewwel SMR tal-UE. Dan kien sostnut minn azzjonijiet diretti u indiretti dwar id-disinn sikur, is-sigurtà, is-salvagwardji, il-kostruzzjoni u l-operat tal-SMRs.

4. PROSPETTIVA 2025

Fl-2025, il-Kummissjoni qed tippjana li tadotta l-programmi ta' ħidma "ewlieni" ta' Orizzont Ewropa għall-2025 u għall-2026-2027. Iż-żewġ programmi ta' ħidma se jikkontribwixxu għall-orjentazzjonijiet strateġiċi ewlenin tat-tieni pjan strateġiku ta' Orizzont Ewropa 2025-2027 kif ukoll għall-prijoritajiet politiċi ġenerali tal-Kummissjoni għall-2024-2029. Il-programmi ta' ħidma se jikkontribwixxu wkoll għall-isforzi ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni, b'mod partikolari billi jagħmlu l-programm aktar aċċessibbli għall-applikanti u jissimplifikaw ir-rapportar għall-benefiċjarji.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija mistennija tipproponi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, li jinkorpora għarfien minn konsultazzjoni pubblika wiesgħa biex il-finanzjament tar-R&I jiġi allinjat ma' prijoritajiet ta' finanzjament futuri. Inizjattivi fl-2025, bħall-Boxxla għall-Kompetittività u l-Patt għal Industrija Nadifa, kif ukoll l-Istrateġija li ġejja għall-kumpaniji start-up u scale-up, se jiżguraw li l-UE tibqa' fuq quddiem nett fir-R&I. Dawn l-inizjattivi se jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi futuri u l-opportunitajiet ta' ingranaġġ għat-tkabbir sostenibbli.